**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Frar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Kurt Zahra**

**Vs**

**John Bugeja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra John Bugeja, iben John u Deborah xebba Camilleri, imwieled Pieta' nhar it-22 t'Awwissu 1997 u residenti gewwa BLK I, Bieb B, FL 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 358797M;

Talli fix-xahar t'Awwissu 2016 minn Costa Cafe li jinsab gewwa The Point Shopping Mall, Sliema:

1) B'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Nhar il-5 t'Awwissu 2016 ghall-habta ta' 21:00 minn Costa Cafe, The Point Shopping Mall, Sliema:

2) Ikkommetta serq ta' mitejn (€200) fi flus kontanti, ghad-detriment ta' The Coffee Company Malta Limited u/jew xi persuni/entitajiet ohra, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-persuna w bil-hin;

Nhar is-6 t'Awwissu 2016 ghall-habta ta' 21:00 minn Costa Cafe, The Point Shopping Mall, Sliema:

3) Ikkommetta serq ta' mitt euro (€100) i flus kontanti, ghad-detriment ta' The Coffee Company Malta Limited u/jew xi persuni/entitajiet ohra, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-persuna w bil-hin.

Nhar l-24 t'Awwissu 2016 ghall-habta ta' 21:00 minn Costa Cafe, The Point Shopping Mall, Sliema:

4) Ikkommetta serq ta' mitt euro (€100) fi flus kontanti, ghad-detriment ta' The Coffee Comany Malta Limited u/jew xi persuni/entitajiet ohra, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-persuna w bil-hin.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-2 ta' Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-imputat hallas is-somma ta' hames mitt Ewro (€500-) ghas-saldu lil The Coffee Company Malta ltd;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 268, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**